MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 233/2011

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe' X li twieldet fis-7 ta' Jannar 1999 u Y li twieled fid-29 ta' April 2001;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Silvana Borg Caruana sa mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Ara Dok A);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom hames snin mifrudin minn ma xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin u r-rikorrenti sahansitra fforma rabta soda u relazzjoni stabbli ma persuna ohra tant li ghandhom tarbija;

Illi skond l-istess kuntratt ta separazzjoni personali, senjatament klawsola 6, 7 u 9, l-esponenti obbliga ruhu li jivversa manteniment ta' LM 145 jew 337.76 € kull erba' gimghat ghaz-zewg minuri, kwantu ghal LM 72.50 jew 168.88 € ghal kull minuri, liema manteniment jigi rivedut kull tlett (3) snin skond l-gholi tal-hajja. Klawsola numru 7 tistipula illi l-manteniment pattwit jibqa' dovut sakemm iz-zewg minuri jaghlqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu regolarment, liema eventwalita' tavevra ruhha l-ewwel. In oltre, fi klawsola numru 9 l-esponent obbliga ruhu li jivversa lill-mara manteniment ta' LM 1 jew 2.33 € kull erba' gimghat. Dan il-manteniment huwa definittiv u ma jistax jigi varjat ghal ebda raguni;

Illi llum il-gurnata l-esponenti qieghed ihallas is-somma ta' 364 € kull erba' ginghat ghaz-zewg minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-esponenti m'ghandha ebda interess illi z-zwieg taghha tal-ghaxra (10) ta' Awissu 1997 jigi xolt;

Illi l-esponenti tinsab disokkupata u tghix bil-beneficcju socjali u ghalhekk mhi f'ebda pozizzjoni li thallas xi spejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi l-esponenti zammet il-kunjom ta' zewgha (B) anke wara li dawn gew legalment separati permezz ta' kuntratt tal-ewwel (1) ta' Lulju 2005 u konsegwentement hija tixtieq izomm dan il-kunjom anke wara li z-zwieg jigi xolt u dana fl-interess tat-tfal taghha X B u Y B ghaliex hija ma thoss illi t-tfal ghandhom jkollhom kunjom differenti minn dak t'ommhom;

Illi affacjata bir-rikors fuq indikat l-esponenti mhix sejra topponi ghar-rikjesta tar-rikorrenti li z-zwieg ta' bejtna u bejn ir-rikorrenti jigi xolt sakemm hija ma ssofri ebda spejjez relatati ma dawn il-proceduri u li zzomm il-kunjom B u dana fl-interess tat-tfal;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet ilhom legalment separati in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dr Silvana Borg Caruana sa mill-1 ta' Lulju tas-sena 2005;

Rat illi r-rikorrenti qieghed ihallas il-manteniment ghaz-zewg uliedu minuri regolarment, kif ukoll qieghed ihallas il-manteniment lill-intimata regolarment skond kif xehdu l-istess partijiet;

Rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, skond kif xehdu l-istess partijiet;

Rat illi l-intimata tixtieq izomm il-kunjom tar-rikorrenti “B” anke wara li z-zwieg jigi xolt u illi r-rikorrenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghax-xewqa ta’ l-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------